C/2026/5453

21.10.2026

Netwerking ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma tal-missjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)

(C/2026/5453)

Regolament (KE) Nru 178/2002 ([1]), l-Artikolu 36(2), jipprevedi li "*Il-Bord tal-Amministrazzjoni*" tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, "*waqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, għandu jħejji lista li għandha tiġi ppubblikata ta'l-organizzazzjonijiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri li jistgħu jgħinu lill-Awtorità, jew individwalment jew f'networks, fil-missjoni tagħha.*"

Din il-lista l-ewwel ġiet imħejjija mill-Bords tal-Amministrazzjoni tal-EFSA fid-19 ta' Diċembru 2006, u minn dakinhar:

(i) qiegħda tiġi aġġornata regolarment, abbażi tal-proposti tad-Direttur Eżekuttiv tal-EFSA, waqt li jitqiesu r-reviżjonijiet jew proposti ta' dežinjazzjoni ġodda mill-Istati Membri (skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004, l-Artikolu 2(4) ([2])); u

(ii) ippubblikata fuq is-sit web tal-EFSA, fejn hi ppubblikata l-aħħar lista aġġornata ta' organizzazzjonijiet kompetenti.

Din l-informazzjoni rispettiva hi disponibbli fuq is-sit web tal-EFSA, fil-links li ġejjin:

(i) l-aħħar emenda ta' din il-lista ta' organizzazzjonijiet kompetenti mill-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EFSA fl-14 ta' Ottubru 2026 – http://www.efsa.europa.eu/mt/partnersnetworks/scorg.

L-EFSA se żżomm din in-notifika aġġornata, speċifikament fir-rigward tal-links tas-sit web ipprovduti.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil Cooperation.Article36@efsa.europa.eu.

([1]) Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, tal-1.2.2002, p. 1-24).

([2]) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004 tat-23 ta' Diċembru 2004 li jindika termini ta' applikazzjoni tar-Regolament 178/2002 f'dak li għandu x'jaqsam max-xibka ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma li jiddependu mill-missjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 379, tal-24.12.2004, p. 64), kif l-aħħar emendat.